**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Dicembru, 2019**

**Mandat Nru: 1563/2019 AF**

**Seaside Caterers Company Limited (C-29413)**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Awtorità tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Seaside Caterers Company Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti zzomm lill-Avukat Generali u l-Awtorità tal-Artijiet milli jkompli bil-process tas-sejha ghall-offerti li giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Ottubru 2019 (Adv. 207) – Dok. A u eventwali processar ta' offerti li talvolta jistghu jintlaqghu fir-rigward tal-fond kummercjali già maghtuf bhala "Bognor Regis" issa "Bayside", Islet Promenade, Bugibba stante illi l-kondizzjonijiet tas-sejha ghall-offerta in kwistjoni ma tirrikonoxxix il-kirja a favur l-esponenti ai termini tal-annessa skrittura ta' kirja Dok. B kif

ukoll ghaliex tali sejha tinsab taht oggezzjoni intavolata quddiem it-Tribunal Amministrattiv tal-11 ta' Novembru 2019 fejn il-kondizzjonijiet ghas-sejha in kwistjoni huma kontestaw kif jirrizulta mill-anness Dok. C, liema ragunijiet moghtija kif intqal jifforma wkoll ksur tad-drittijiet tal-esponenti li prezenzjalment titlob li jkunu mharsa u f'nuqqas li jsir hekk id-drittijiet tal-esponent jkunu ppregudikati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba tal-Awtorità tal-Artijiet.

Rat it-twegiba tal-Avukat Generali.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

L-Avukat Generali jibda biex jilqa' ghat-talba billi jsostni li r-rikors ma jistax jigi milqugh fil-konfront tieghu stante li huwa mhuwiex ser iwettaq dak li s-socjetà rikorrenti trid li jinzamm. F'dan l-Avukat Generali ghandu ragun u fil-konfront tieghu il-mandat qieghed jigi michud.

Il-Qorti tqis li l-Art. 873 jipprovdi testwalment:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Il-Qorti tenfasizza li kull ezami li hija tenuta taghmel fi proceduri ta' din ix-xorta huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi l-iskrutinju dwar il-mertu

ghandu jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li tkun giet adita bil-kawza.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati u partikolarment ghall-fatt illi l-element essenzjali li johorgu mill-fuq citat provediment tal-ligi huma kumulattivi.

Ir-rikorrenti ssejjes it-talba taghha fuq skrittura ta' sullokazzjoni li hija ssostni li ghandha fuq is-sit mertu ta' din il-procedura. Hija ssullokat minghand id-diretturi taghha stess. Ma jirrizulta ebda dokument li jsejjes xi jedd tal-istess diretturi f'isimhom proprju. Lanqas ma tirrizulta xi forma ta' rikonoxximent da parti ta' sid l-art, il-Gvern ta' Malta. Ukoll kieku wiehed kellu jikkoncedi xi forma ta' kirja fuq is-sit, dan il-fatt wahdu ma jimpedix lis-sid milli jiddisponi minn gidu.

Ghal dak li jolqot it-tieni rekwizit tal-ligi, cioè l-pregudizzju rrimedjabbli, din il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi ma giex sodisfatt mir-rikorrenti. Is-sejha qeghda tigi legalment mistharrga mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li qed jigi mitlub ihassarha. Ir-rimedju ghall-lanjanzi tas-socjetà rikorrenti qieghed fl-ambitu tal-istess Tribunal. F'kaz ta' cahda tat-talba mill-istess tribunal jibqa' lilu jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi Borg Grech vs Gasan (2 ta' Jannar 1993) u Airmode Limited vs MIA plc (30 ta' Jannar 2017). Hija r-responsabbilità tal-istess Awtorità jekk tissoktax bis-sejha sakemm ikollha decizjoni finali. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jezistux mad-daqqa t'ghajn il-presupposti tal-ligi li jwasslu l-Qorti zzomm is-sejha milli tissokta.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-13 ta' Novembru 2019, tichad it-talba ta' Seaside Caterers Company Limited.

l-ispejjez kollha jithallsu minn Seaside Caterers Company Limited.

IMHALLEF